MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 603/2011

**Dr Mark Sammut u Carmen Farrugia**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Mangion u martu Carmen Mangion**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenut l-hlas disgha u sebghin elf mitejn u wiehed u erbghin ewro (€79,241). Ammont li kien thallas bhala depozitu ghax-xiri tal-fond numru 36, Villa Alfano, Triq Annibale Preca, Lija skond konvenju li gie ffirmat fis-17 ta’ Marzu 2011. L-atturi jippremettu li permezz ta’ skrittura privata tal-31 ta’ Marzu 2011, il-kontendenti kienu hassru

l-konvenju u l-konvenuti qablu li jhallsu lura s-somma fuq imsemmija sal-31 ta' Mejju 2011.

Fis-seduta tal-lum deheru l-konvenuti u ammettew it-talbiet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri in solidum tal-atturi fis-somma ta' disgha u sebghin elf mitejn u wiehed u erbghin ewro (€79,241).**
**2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' disgha u sebghin elf mitejn u wiehed u erbghin ewro (€79,241).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------